# Il-Ħadd 12.07.2015

1. It-Tlieta 14/07:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għas-7:15pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

2. Il-Ħamis 15/07:
   - Il-Kunsill Lokali javża li ser jibdew sessjonijiet ta' qari, intitolati '**Aqra Miegħi**', fil-Librerija tal-Kunsill. Dawn is-sessjonijiet huma mmirati għat-tfal sa' 3 snin u jsiru kull nhar ta' Ħamis.

3. Il-Ħadd 19/07:
   - Il-Kunsill Lokali javża li mit-8:30am sas-1:00pm, ser ikollna l-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan huma mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

4. Avviżi oħra:
   - Min-nhar l-Erbgħa li ġejjin (15/07) sal-Ġimgħa tal-ġimgħa ta' wara (24/07), l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.
   - Qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda. It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq - jinkitbu fis-sagristija.
   - Għal matul il-jiem tal-festa, apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski, nixtiequ wkoll nagħmlu l-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex din l-inizjattiva nwettquha.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra speċjali li saret b'risq ir-restawr ta' San Pawl u l-manutensjoni tal-Knisja;
   - € 465 bħala arbural b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 480 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.